# Il-Ħadd 24.04.2022

1. Illum 24/04, **it-Tieni Ħadd tal-Għid – Ħadd il-Ħniena Divina** - **JUM ĦAL SAFI**:
   - Fl-10:00am - Quddiesa ta' ringrazzjament mal-Kunsill Lokali *(Mhux fid-9am)* u l-Għaqdiet tal-Parroċċa u r-raħal tagħna. Wara l-Banda San Pawl tagħmel marċ sal-Uffiċċju tal-Kunsill.
   - Fil-5:00pm - Adorazzjoni; u
   - Fis-6:00pm - Quddiesa.

2. Mit-Tnejn 25/04 sas-Sibt 30/04:
   - Matul din il-ġimgħa, l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun limitat fil-funzjonijiet tiegħu; f'każ ta' emerġenza, ċemplu jew ibgħatu email.

3. Il-Ħadd 1/05, **it-Tielet Ħadd tal-Għid**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa ta' Ringrazzjament mill-Kan. David Farrugia fi tmiem is-servizz tiegħu fostna bħala saċerdot u Kappillan tal-parroċċa tagħna ta' Ħal Safi tul dan l-aħħar 7 snin u 10 xhur. Inħeġġiġkom tattendu din ċ-ċelebrazzjoni, waqt li nwiegħduh ukoll it-talb tagħna biex ikompli jaqdi b'ferħ u fedeltà il-missjoni ġdida li ġiet afdata lilu f'Ħad-Dingli.

4. Avviż mill-Kunsill Lokali:
   - Id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità ser ikun qed jestendi s-servizz ta' trasport b'xejn (magħruf bħala Silver T) għall-anzjani tar-raħal tagħna. B'hekk l-anzjani ta' Ħal Safi jistgħu jibdew ukoll jibbukkjaw sabiex imorru ż-Żurrieq (Day Centre u Banek). Aktar informazzjoni tinkiseb mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

5. Avviżi oħra:
   - Nirringrazzjaw lil dawk kollha li taw xi affarijiet tal-ikel f'inizjattiva ta' karità li kellna matul ir-Randan, sabiex ngħinu lill-persuni ta' familji fil-bżonn. Imlejna diversi kaxxi li tqassmu b'ġenerożità u sagrifiċċju mill-membri tal-Kummissjoni Djakonija.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 175 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
   - € 395 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 150 bħala donazzjonijiet b'risq il-poplu tal-Ukrajna.

   Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Grazzi.